## PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-23 TA' FRAR, 2023.**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 302/2013 RGM**

**Maria Grima Baldacchino, u**

**b'digriet tal-20 ta' Diċembru 2021 l-atti ġew leġittimati f'isem uliedha**

**Edward Grima Baldacchino, Gordon Grima Baldacchino u Vannessa Frazier,**

**stante l-interdizzjoni fil-mori tal-kawża ta' Maria Grima Baldacchino**

**vs.**

**Antonia Baldacchino, armla ta' Joseph,**

**Petra Lindsay mart David xebba Baldacchino u**

**Luana Baldacchino**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

1. Rat li b'rikors maħluf tas-26 ta' Marzu 2013 **l-attriċi Maria Grima Baldacchino** fejn fissret li ommha **Grazia Giuseppa Baldacchino** fl-aħħar testment tagħha tal-4 ta' Diċembru 1997 ippubblikat min-Nutar Dr. Herbert Cassar ħalliet legat/pre-legat lilha l-fond **42, Pretty Bay, Birżebbuġa, b'entrata oħra numru 194, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa,** inkluż l-għamara. Ingħatat ukoll bl-legat/pre-legat l-għamara tad-dar tat-testratiċi li kellha ġewwa Valletta, liema għamara kienet ġiet maħżuna f'żewġ garaxxijiet Birżebbuġa, proprjeta ta' ulied Maria Grima Baldacchino. Ippremettiet li kemm l-attriċi kif ukoll Joseph Baldacchino (iben Grazia Giuseppa Baldacchino u ħu l-attriċi Maria Grima Baldacchino) kellhom ċavetta tal-imsemmi garaxx. L-attriċi tippremetti li meta mietet ommha u nstab li ħalliet l-għamara lilha, l-għamara kienet diġa itieħdet minn ħuha Joseph Baldacchino u tqegħdet fid-dar li tokkupa l-familja tiegħu.

2. L-attriċi filwaqt li ddikjarat li għandha interess li tiġi immessa fil-pussess tal-legal/prolegat imsemmi u istitwit il-kawża odjerna u talbet lill-Qorti sabiex:

   a. "Prevja kull dikjarazzjoni u provvediment opportuni, tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti hija intitolata ghall-legat/pre-legat fuq imsemmi u li tigi konsegwentement immessha fil-pussess mill-intimati bhala ko-eredi;
   b. Tordna u tikkundanna lil intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju, jemmitti [recte. jimmittu] lil esponenti fil-pussess tal-legat/pre-legat konsistenti fil-fond u l-ghamara fuq imsemmija;
   c. Tinnomina Nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv;
   d. Tiffissa jum, lok u hin ghal pubblikazzjoni ta' tali att;
   e. Tinnomina kuraturi deputati ghall eventwali kontumacja ta' l-intimati.

   Bl-ispejjez u riserva ta kull dritt u azzjoni fil-ligi, l-intimati ingunti ghas-subizzjoni."

3. Il-konvenuti ppreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fid-29 t'April, 2013 u fiha qalu hekk:

1. “Illi l-attrici ghandha tipprova t-talbiet skond il-ligi.

2. Illi l-attrici m’hijiex intitolata ghal dawk l-effetti mobbli li ma gewx imhollija lilha jew li ma kienux jiffurmaw parti mill-assi ereditarji ta’ Grace Baldacchino fid-data tal-mewt taghha u dan skond kif hemm dispost fl-artikoli 700 u 743 tal-Kodici Civili.”

4. Waqt is-seduta tal-25 ta’ Jannar 2016 ġie dikjarat mil-legali tal-konvenuti illi ma kien hemm l-ebda oppożizzjoni li l-attriċi tieħu l-effetti mobbli li jinsabu llum fil-fond 42, Pretty Bay, Birżebbuġa, l-oppożizzjoni tal-konvenuti hija dwar l-effetti mobbli kollha li l-attriċi tippretendi li kienu fl-imsemmi fond u li llum u anke fid-data tal-mewt ta’ Grace Baldacchino ma kinux f’dak il-fond.

5. In segwitu għal din id-dikjarazzjoni l-attriċi ppreżentat nota fis-26 t’April 2016 li permezz tagħha indikat il-mobbli li hija tqis kienu parti mil-legat mħolli lilha minn ommha Grace Baldacchino u liema għamara qiegħda preżentament fil-fond tal-konvenuti.[1] Din il-lista hija riproduzzjoni tal-għamara li l-attriċi semmiet fl-affidavits tagħha u elenkati aktar ‘l quddiem. Magħhom pero l-attriċi ziedet ukoll skrivanija u gradenza li missierha kien juża bħala uffiċċju fil-*penthouse* tal-Belt.

6. Fit-22 t’Ottubru 2020 ġiet nominata l-Perit Elena Borg Costanzi sabiex taċċedi fil-fond 42, Pretty Bay, Birżebbuga u tagħti żewġ valuri: (a) stima tal-valur tal-immobbli referibbli għad-data tal-mewt ta’ Emanuel Baldacchino u ċioe 18 ta’ Frar 1994 u (b) l-valur ieħor riferribbli saż-żmien tal-lum. Fir-rapport tagħha mħejji fl-20 ta Mejju 2021 u maħluf fil-25 ta’ Mejju 2021, il-Perit Elena Borg Costanzi “wara li hadet konjizzjoni tal-atti u tenut kont il-fond fl-istat kif kien waqt l-access u l-potezjaml ghall-izvilupp, il-valur tal-proprjeta fis-suq liberu illum huwa ta’ hames mija u hamsin elf Ewro (€550,000)”[2]. Il-valur tal-proprjeta fi Frar 1994 ġie stmat li kien ta’ €127,000.

7. L-attriċi resqet is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fis-26 ta’ Awwissu, 2022[3] iżda ħadd mill-konvenuti ma ressaq nota ta’ sottomissjonijiet.

[1] Fol 101 et seq tal-proċess.
[2] Fol 327 tal-proċess.
[3] Fol 373 et seq tal-proċess.

8. Il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Provi**

9. Xehed in-**Nutar Herbert Cassar** fejn ikkonferma li huwa kien kiteb testment għal Grazia Giuseppa Baldacchino li jġib id-data tal-4 ta' Diċembru 1997. In kontro-eżami ikkonferma li t-testatriċi kellha 70 sena meta għamlet it-testment u huwa qatt ma talab li jiġi ppreżentat ċertifikat mediku li juri li setgħet tagħmel dak it-testment. Ikkonferma li quddiemu ma saret l-ebda pressjoni fuq it-testatriċi u lanqas ma kienet tidher imwerwra jew eċitata. Kompla jgħid li kieku lemaħ xi ħaġa minn dan huwa kien jieqaf milli jkompli jirrediġi t-testment. In kontro-eżami kkonferma li dak kollu li hemm miktub fit-testment għax qaltlu bihom it-testatriċi.

10. L-**attriċi** xehdet permezz t'affidavit fejn spjegat li għal ħafna żmien ommha kienet toqgħod ġewwa l-*penthouse* maqsuma fi tlett sulari li kienet tinsab fuq dak li kien l-*Embassy Cinema Centre* ġewwa Valletta. Meta din il-proprjeta ġiet mibjugħa kien sar qbil li l-għamara titqiegħed ġo żewġ garaxxijiet Birżebbuġa, proprjeta ta ulied l-attriċi. Ilkoll kellhom ċavetta għal dawn il-garaxxijiet, sew l-attriċi, sew ommha kif ukoll ħuwha. L-attriċi tgħid li darba hija kienet għaddejja minn ħdejn dawn il-garaxxijiet u daħlet sabiex tara l-għamara u ssib li ġo garaxx minnhom ma kienx hemm għamara iżda d-dgħajsa ta' ħuha. Tgħid li hija kkonfrontatu dwar dan u hu kien qalilha li l-għamara kienet qiegħda d-dar tiegħu u li kien ser jerġa jqiegħed kollox wara li jkun lesta mix-xogħol fuq id-dgħajsa. Spjegat li x-xogħol fuq id-dgħajsa lestih iżda l-għamara qatt ma reġgħet tqegħdet hemm. Hija kompliet tgħid li kien biss meta ħuha kien ma jiflaħx li hija daħlet fil-fond ta' ħuha u hija hemm rat biċċiet minn din l-għamara. Fl-affidavit tindika s-segwenti biċċiet:

a. Żewġ pari vażuni antiki dipinti b'mod elaborat;
b. Mejda tonda kbira ta' diametru ta' ċirka metru u nofs, b'tinqix intrikati ħafna flimkien ma' żewġ imwejjed żgħar pariġġ din l-istess mejda u seba' siġġijiet kollox pariġġ il-mejda l-kbira;
c. Siġġu *highback* imnaqqax b'mod elaborat;
d. Vażun (qasrija) fuq pedestal forma ta' kollona tal-porċellana;
e. Par ta' żewġ *carvings* ta' Lira tad-deheb antika magħmulin minn injam oħxon ħafna b'daqs ta' xi metru u nofs għoli u metru wiesa;

f. *Fire-screem* b'għasfur kbir fuqu bi frejm tal-injam u bi *stand* fin-nofs fuq in-naħa ta' wara u ġewwa dan il-frejm kien hemm pittura ta' dan l-għasfur kbir magħmul fuq il-ħġieġa.

Taħlef li hija ċerta li dik hija għamara proprjeta t'ommha u li la hi u lanqas ommha ma kienu taw permess lil Joseph jieħu dik l-għamara fil-proprjeta tiegħu. Tgħid li hija saret taf li l-għamara kienet tħalliet b'legat lilha wara li mietet ommha u saret ir-riċerka meħtieġa. Nonostante dak li kien hemm imniżżel fit-testment il-werrieta ta' ħuha u ċioe l-konvenuti baqgħu qatt ma tawha dak li ommha rieditha tieħu.

L-attriċi għamlet affidavit addizzjonali fejn spjegat li wara li sar aċċess fir-residenza tal-konvenuti b'rabta ma' proċeduri oħra hija konvinta li rat is-segwenti mobbli fil-fond residenzjali tal-konvenuta Antonia Baldacchino u li skond l-attriċi kienu tneħħew mill-garaxx wara li kienu ġew mill-proprjeta t'ommha tal-Belt:

a. Par mirja antiki;
b. Pjanu antik tal-kulur iswed;
c. Par *shelving units* kbar fid-daqs li kellhom xkaffar b'mod mhux uniformi u mingħajr ġnub;
d. Gradenza antika għolja bil-wiċċ tal-irħam.

In kontro-eżami l-attriċi kkonfermat li hija qatt ma ħadet xejn mill-wirt ta' missierha u wkoll li qatt ma xtrat sehem missierha la tal-immobbli u lanqas tal-mobbli.

11. Xehdet l-**Avukat Miriam Rapa**, legal officer fir-Reġistru Pubbliku, fejn ippreżentat kopja tan-nota tal-insinwa relattiva għal *causa mortis* ta' Emanuel Baldacchino li saret fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar pero spjegat li għalkemm għamlet riċerka għan-nota tal-insinwa relattiva għal *causa mortis* ta' Grace Baldacchino, hija ma sabet xejn iżda ma eskluditx il-possibilita' li l-*causa mortis* tkun saret iżda qatt ma ġiet insinwata.

12. Xehdet il-konvenuta **Antonia Baldacchino** fejn spjegat li huma ma jopponux li jgħaddu lill-attriċi l-legat li ħallitilha ommha. Pero' jopponu li l-attriċi tieħu aktar mil-legal li mess lilha. Ix-xhud tkompli tispjega li fir-rigward tal-fond 42, Pretty Bay, Birżebbuga, l-attriċi qatt ma avviċinathom sabiex jiftehmu fuq valur. Hija tgħid li dan qiegħda tgħidu stante li "skont l-ahhar testament ta' Emanuel Baldacchino dan imiss nofs

bin-nofs lil Maria u lil zewgi Joseph. Ghalhekk biex jista jsir immisjoni fil-pussess tal-legal bilfors kellna naqblu fuq valur ta' dan il-post sabiex nofs il-valur tieghu ikun akkreditat lil wirt ta' Emanuel Baldacchino u allura lill-werrieta tieghu cioe Maria u zewgi Joseph."[4] Dwar l-għamara li kienet tinsab fil-fond tal-Belt, il-konvenuta spjegat li peress li l-ġenituri tar-raġel tagħha kellhom il-ħsieb li jbiegħu l-Embassy huma bdew jaraw kif jeħilsu mill-għamara li kellhom u allura qassmu xi għamara bejn l-attriċi u Joseph u meta wasal iż-żmien li jsir il-bejgħ tal-Embassy, Grace Baldacchino tat xi affarijiet oħra lil Joseph u lill-attriċi u anke lil Vanessa, bint l-attriċi. Hija tgħid li r-rimanenti għamara kienet tqegħdet fil-garaxx tal-attriċi u liema garaxx qatt ma kien fil-pussess tagħhom. Tgħid li preċedentement żewġha kien iqiegħed iċ-ċimi f'wieħed mill-imsemmi garaxxijiet u meta kellu jitqiegħed l-għamara f'dak il-garaxx l-attriċi ġelitu jneħħi kollox u bidlet is-serratura biex Joseph ma jkunx jista' jidħol aktar fih.

13. Ix-xhud tinsisti li l-affarijiet illi l-attriċi tallega li Joseph ħa u poġġa fir-residenza tagħhom m'huwiex minnu jew inkella kienu affarijiet li tathom Grace Baldacchino meta kienet qiegħda tiżbarazza l-post tal-Belt. Dwar l-elenku mħejji minn Maria Grima Baldacchino tal-affarijiet li jinsabu f'darhom, hija tispjega li:

a. iż-żewġ vażuni antiki dipinti qatt ma daħlu fil-fond tagħhom u r-ritratt li ppreżentat l-attriċi m'huwiex ritratt li ttieħed fil-fond tagħhom. Tispjega li Grace Baldacchino matul ħajjitha kienet tathom żewġ vażuni oħra.
b. Il-mejda t-tonda u żewġ imwejjed żgħar pariġġ u seba' siġġijiet kienet tathomlhom Grace Baldacchino ħafna snin qabel. Sabiex turi dan il-konvenuta ppreżentat ritratt fejn jidhru s-siġġijiet liema ritratt ittieħed meta bintha Petra kellha madwar 13 jew 14-il sena (meta sar l-affidavit Petra kellha 40). Il-konvenuta tikkalkula li għalhekk l-imsemmija kienu ġia għandha għal ħabta tal-1990. Tgħid li waħda mill-imwejjed li ssemmi l-attriċi tidher ukoll fir-ritratt fejn hemm l-attriċi stess tiekol fuqha flimkien ma' Joseph.
c. Is-siġġu *highback* kien ingħata lil Joseph minn ommu meta kien għadu ħaj missieru Emanuel.
d. Hija ma taf xejn dwar il-vażun imqiegħed fuq pedestall. Li taf huwa li omm Joseph kienet tathom vażun ieħor li ma kellux pedestall.

[4] Fol 132 tal-proċess.

e. Iż-żewġ *carvings* ta' lira tad-deheb antiki kienu ingħataw lil Joseph minn missieru u ommu.
f. L-għasfur imsemmi mill-attriċi kien għandhom wara li kienet tatulhom omm Joseph matul ħajjitha. Hija tgħid li dan kien ta' ngombru fid-dar u tefatu fil-garaxx.
g. Waħda mill-mirja qiegħda fil-*living room* tagħhom filwaqt li l-oħra għamlitha fil-garaxx. Tgħid li dawn ukoll kienu ġew mogħtija lil Joseph minn ommu.
h. Il-pjanu ingħata lilhom bi tpartit ma' vetrina antika (liema vetrina kienet tqegħdet fir-razzett li kellu missier Joseph). Hija annettiet ritratti fejn jidher il-pjanu u fejn uliedha kienu żgħar (Petra xi 14-il sena filwaqt li Luana kellha xi 10 snin). Tgħid li l-pjanu ingħata lilhom meta Petra kellha 4 snin.
i. Is-*shelving* qatt ma kien il-Belt, iżda kien diġa fil-fond meta huma maru joqgħodu fih.
j. Il-gradenza antika qatt ma kienet il-Belt. Tgħid li missier żewġha kellu maħżen ir-Raħal Ġdid u fih kien hemm żewġ gradenzi. Maria u Joseph kienu qablu li jaqsumhom bejniethom.
k. L-iskrivanija kien xtraha Joseph stress mingħand *Joinwell*.
l. Il-gradenza kien xtraha Joseph mingħand zitu Vanda.

14. Xehed ukoll in-**Nutar Pierre Cassar** fejn ikkonferma li huwa kien ħejja l-*causa mortis* ta' Emanuel Baldacchino u ppreżenta kopja tagħha. Meta ġie mistoqsi dwar il-*causa mortis* ta' Grace Baldacchino, in-Nutar ikkonferma li huwa ma kien għamel l-ebda *causa mortis* tal-assi ereditarji immobbli tal-imsemmija Grace Baldacchino.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

15. Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qiegħda tressaq talba għall-immissjoni fil-pussess ta' pre-legat imħolli lilha minn ommha Grace Baldacchino in forza ta' l-aħħar testment li hija għamlet. F'dan l-aħħar testment Grace Baldacchino ddikjarat li l-oġġetti imhollija b'legat m'humiex kollha proprjeta tagħha, peress li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti ma' żewġha li miet qabilha; però riedet u ordnat li dan il-pre-legat ikollu l-effett pjen tiegħu.

16. L-attriċi tgħid li peress li ħuwha Joseph miet hija kellha tagħmel din il-kawża kontra l-werrieta ta' ħuha sabiex jagħtuha l-pussess tal-fond ġewwa Birżebbuga flimkien mal-mobbli li jinsabu fih kif ukoll l-għamara

li kienu jinsabu fil-fond tal-Belt, pero l-kontestazzjoni ewlenija hija dwar liema għamara kienet tinsab fil-fond tal-Belt u li eventwalment kienu tqegħdu fil-garaxxijiet ġewwa Birżebbuga, iżda li llum tinsab fil-fond li fiha tirrisjedi l-konvenuta Antonia Baldacchino wara li skond l-attriċi Joseph Baldacchino kien ħa għadd ta' mobbli liema mobbli skont l-attriċi kienu tħallew speċifikament lilha fl-aħħar testment t'ommha.

17. Missier l-attriċi miet fit-18 ta' Frar 1994 filwaqt li omm l-attriċi mietet fid-29 ta' Marzu 2003.[5] Ħuha Joseph Baldacchino, ir-raġel tal-konvenuta Antonia Baldacchino u missier il-konvenuti l-oħra, miet ftit xhur qabel ommhom.

a. Il-wirt ta' Grace Baldacchino hu regolat minn żewġ testmenti:-

(i) B'**testment *unica charta* tas-7 ta' Novembru 1972** fl-atti tan-Nutar Dott. George Cassar hemm stipulat hekk fit-tieni artikolu, "it-testaturi ħallew lil xulxin b'titolu ta' legat konsegwibbli in assoluta proprjeta il-kwarta parti (1/4) tal-gid ereditarju taghhom in generali, jinnominaw lil xulxin uzufruttwarji fir-rimanenti tlett kwarti (3/4) tal-istess assi ereditarji taghhom kollu, presenti u futuri, mobili u immobili u jesentaw lil xulxin mill-obbligu tal-garanzija u ta' l-inventarju kontemplat fil-Ligi." Imbagħad fis-sitt artikolu, it-testaturi innominaw lil binthom Maria mart Frank Grima u lil binhom Joseph aħwa Baldacchino bħala l-uniċi werrieta fi kwoti ndaqs. F'dan it-testment it-testaturi taw lil xulxin *la facoltà di variare*.

(ii) B'**testment tal-4 ta' Diċembru 1997**, fl-atti tan-Nutar Dott. Herbert Cassar, Grace Baldacchino ordat li:

"B'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtha in piena u assoluta prorieta t-testatrici thalli lil bintha Maria, id-dar tar-residenza taghha f'Birzebbugia, Pretty Bay, numru tnejn u erbghin (42), b'entrata ohra minn Birzebbugia Road, bl-ghamara ta' go fiha mill-ghatba l-gewwa kollox inkluz u xejn eskluz hlief ghal kotba tal-Bank u titoli ohra li jirrappresentaw flus, kif ukoll l-ghamara li kienet fid-dar tar-residenza tat-testatrici il-Belt Valletta li tinsab mahzuna f'garage proprieta ta' bintha Maria.

[5] Ċertifikat tal-mewt fol. 82.

It-testatrici tiddikjara li taf li din id-dar u l-ghamara tifforma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti esistenti bejnha u bejn zewgha.

Mill-bqija t-testatrici tikkonferma u tirratifika t-testment precedenti taghha fl-atti tan-Nutar George Cassar."[6]

b. Ġaladarba Emanuel Baldacchino miet qabel martu, kwart (1/4) indiviż tal-beni tiegħu (ekwivalenti għal 1/8  indiviz tal-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti) għadda b'legat fuq martu, filwaqt li ż-żewġ uliedu, Maria Grima Baldacchino u Joseph Baldacchino,  qua eredi universali tiegħu, wirtu bejniethom it-tlett kwarti (3/4) indiviżi tal-assi ereditarji tiegħu soġġetti għall-użufrutt favur ommhom (ekwivalenti għal 3/8 indiviżi tal-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti).

**c. Dan ifisser għalhekk li sa qabel il-mewt ta' ommhom Grace Baldacchino, l-aħwa Baldacchino, l-attriċi u ħuwha Joseph, kienu flimkien sidien ta' 3/8 indiviżi tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tagħhom li kienu wirtu mingħand missierhom.**

d. M'huwiex ikkontestat li kemm il-fond ġewwa Birżebbuga kif ukoll il-mobbli li kien hemm fil-fond ta' Birżebbuġa kif ukoll tal-Belt kienu jiffurmaw parti mill-komunijoni tal-akkwisti u li kienu jappartjenu liż-żewġ ġenituri f'ishma ugwali.

e. Isegwi illi meta Grace Baldacchino stipulat fit-testement tagħha il-legat favur l-attriċi tad-dar f'Birżebbugia u l-mobbli fl-istess dar u fil-penthouse tal-Belt, hija kienet proprjetarja ta' 5/8 sehem indiviż tal-assi tal-komunjoni; filwaqt li uliedha kienu proprjetarji ta' 3/16 indiviżi kull wieħed u waħda tal-assi tal-komunjoni.

f. Id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Emanuel Baldacchino saret fit-18 t'Ottubru 1995 mill-aħwa flimkien ma' ommhom.[7] Fid-19 ta' Ġunju 2017, l-attriċi Maria Grima Baldacchino permezz ta' att ippubblikat min-Nutar Victor John Bisazza għamlet korrezzjoni fil-*causa mortis*

[6] Fol 4 tal-proċess.
[7] Fol 139 et seq tal-proċess.

ta' missierha fir-rigward ta' kwoti u fl-istess att għamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-assi ereditarji ta' ommha.[8]

18. Hemm qbil bejn il-partijiet li Grace Baldacchino ħalliet b'legat lill-attriċi Maria Grima Baldacchino il-fond immobiljari ġewwa Birżebbuġa flimkien mal-mobbli ta' ġo fih kif ukoll il-mobbli tal-fond li kellha l-Belt u li kienu jinsabu f'garaxx tal-attriċi.

19. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija primarjament dwar il-konsistenza tal-mobbli formanti l-legat. L-attriċi tinsisti li l-mobbli li kienu darba jinsabu fil-fond tal-Belt u li tqegħdu f'żewġ garaxxijiet proprjeta' ta' uliedha, dawk li kienu f'garaxx minnhom ittieħdu minn ħuha Joseph u qegħdhom fir-residenza tiegħu qabel mietet ommhom. Il-konvenuti jiċħdu l-allegazzjoni tal-attriċi dwar il-mobbli. Jinsistu illi l-għamara li għandhom u li setgħat kienet preċedentement fid-dar tal-ġenituri tal-attriċi ġewwa l-Belt kienet ingħatat lil Joseph mill-ġenituri tiegħu u qatt ma kienu tqegħdu fil-garaxx imsemmi fl-aħħar testment ta' Grace Baldacchino.

***Legato di Cosa Altrui*.**

20. Utili f'dan l-istadju li jiġu eżaminati l-prinċipji regolanti l-legat testamentarju in ġenerali u l-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor in partikolari.

21. Meta jkun hemm aktar minn eredi wieħed id-decujus jista' jħalli lil wieħed mill-eredi oggett speċjali bi preferenza fuq l-oħrajn, u dan jissejjaħ pre-legat (**Rose Alden pro et noe et vs. Raphael Pace –** Prim' Awla - 27 ta' Ġunju, 2003).

22. Hija essenzjali għall-validita' ta' legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-ħaġa lil ħaddieħor. Il-ħtieġa ta' tali dikjarazzjoni tibqa' hemm anke jekk it-terz u/jew il-legatarju huma werrieta universali tat-testatur (**Art. 697 Kap. 16**).

23. Fejn ma ssirx tali dikjarzzjoni, il-legat jiswa xorta waħda jekk jirriżulta illi għalkemm fiż-żmien tat-testment il-ħaġa kienet ta' ħaddieħor, sal-jum tal-mewt tat-testatur tkun saret proprjeta' tiegħu (**Art 696 (2) Kap. 16**).

[8] Fol 223 et seq tal-proċess.

24. Ma hi rikjesta ebda klawsola jew formola speċjali fid-disposizzjoni testamentarja li tordna legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor basta li jkun hemm dikjarazzjoni mit-testatur li turi mingħajr ekwivoku li t-testatur konxjament ħalla b'legat ħaġa li kien jaf li ma kenitx tiegħu. (**Polly Demanuele et. vs. Victor Grech et.** - Prim' Awla - 17 ta' Mejju, 2013).

25. Meta l-oġġett tal-legat kien biss in parti proprjeta' ta' terzi u ma ssirx id-dikjarazzjoni fuq imsemmija mit-testatur, il-legat ikun jiswa' biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oġġett li jkun proprjeta' tat-testatur (**Art. 698 Kap. 16 - Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta' Carmelo Borg**" - Prim' Awla - 9 ta' Marzu 1994).

26. Legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor jista' jolqot beni li t-testatur għandu in komun ma' ħaddieħor. F'każ li d-disposizzjoni testamentarja ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor, il-legat ikun validu sas-sehem indiviż li t-testatur kellu ta' dak l-oġġett (**Carmelina Huber vs. Anthony Micallef et.** - Prim' Awla - 27 ta' Marzu, 2014).

27. Kemm-il darba l-ħaġa mħollija legat tkun ta' wieħed mill-werrieta, il-werrieta l-oħra huma obbligati, jekk ma jiġix ippruvat li l-volontà tat-testatur kienet oħra, jikkumpensawh tal-valur tagħha bi flus jew ħwejjeġ tal-wirt, kull wieħed skont is-sehem tiegħu fil-wirt (**Art 735 (2) Kap.16**)

28. Mill-banda l-oħra l-liġi tikkontempla l-possibilita' li l-legatarju jitħallas mill-werrieta l-valur tal-ħaġa mħollija lilu b'legat meta dik l-istess ħaġa tkun diġà tiegħu (**Francis Busuttil vs Mary Azzopardi et** - Appell Superjuri - 25 ta' Jannar, 2023).

29. Il-legat ta' ħaġa li għandha tittieħed minn post partikolari ikollu effett biss kemm-il darba dik il-ħaġa tkun tinstab f'dak il-post fil-jum tal-mewt tat-testatur. (**Art. 701 Kap. 16)**.

30. Dwar il-mument meta l-legat jgħaddi għand il-legatarju, skond il-ġurisprudenza prevalenti il-proprjeta' tal-legat tgħaddi għand il-legatarju mal-mewt tat-testatur filwaqt li l-pussess jgħaddi mal-att ta' immissjoni fil-pussess. F'dan ir-rigward ta' massima rilevanza hija s-sentenza *in parte* tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet **Agnese Farrugia vs. Emanuel sive Noel Buttigieg et** mogħtija fl-4 ta' April, 2008:

" ... (b) L-immissjoni fil-pussess hi mehtiega wkoll fejn il-legatarju hu wiehed mill-werrieta tat-testatur (ara f'dan is-sens **Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 1946 [Vol. XXXII.ii.264.]) u fejn il-legat hu deskritt bhala pre-legat. Hemm ukoll gurisprudenza li legatarju li ghandu l-pussess bil-kunsens tacitu tal-werrieta, m'ghandux bzonn li jaghmel domanda formali lill-werrieta sabiex ikun hemm pussess legittimu (ara **Vincenza Cassar vs Herbert L.W. Hare** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659 u **Salvatore Sciberras vs Antonio Sciberras et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 1941 – Vol. XXXI.ii.23);

(c) Jidher li fil-gurisprudenza lokali il-fehma l-iktar prevalenti hi li mal-mewt tad-decujus il-proprjeta' tal-legat tghaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi; *"Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta` ta' l-istess legat; ghax il-pussess jghaddi 'per modum continuations' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprieta`, jew id-"dritt" ghal haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat"* (**Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 1959 – Vol. XLIII.ii.759). Fil-kawza **Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX.i.473) gie osservat: *"Hu ormai materja ta' jus receptum illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI p. 492; XXVIII. Pp 537-543; u Vol. XXIX.i.683)"*.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Konvenuti.**

31. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jeċċepixxu illi l-attriċi "għandha tipprova t-talbiet tagħha skond il-liġi".

32. Dwar il-pre-legat lilha mħolli minn ommha, l-attriċi resqet bħala prova kopja tat-testment ta' ommha tal-4 ta' Diċembru, 1997 ippreżentata fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 min-Nutar Dr Herbert Cassar, l-istess nutar li quddiemu ġie ffirmat it-testment minn Grace Baldacchino.

33. Kien meħtieġ ukoll illi l-attriċi tipprova li Grace Baldacchino kienet istitwit lil binha Joseph Baldacchino bħala wieħed mill-eredi universali tagħha flimkien mal-attriċi; kif ukoll illi l-wirt imħolli lil Joseph Baldacchino iddevolva fuq il-konvenuti gialdarba Joseph Baldacchino miet qabel ommu Grace Baldacchino. Fil-fatt fi premessa numru 2 tar-rikors promotur l-attriċi tippremetti illi "Grazia Giuseppa Baldacchino istitwiet bħala eredi universali tagħha lil uliedha Joseph, illum mejjet u lill-esponenti Maria, aħwa Baldacchino. Illi l-eredita' ta' Joseph Baldacchino, idevoliet favur martu Antonia u zewgt uliedhom Petra Lindsay u Luana, ahwa Baldacchino. Din it-talba qed issir kontra l-intimati Petra Lindsay u Luana bhala eredi ta' Joseph Baldacchino u Antonia Baldacchino bħala armla u eredi jew użufrutwarja ta zewgha Joseph Baldacchino; illi dawn huma l-persuna (recte. persuni) li ghandhom jimmettu fil-pussess lill-esponenti."

34. Prova oħra meħtieġa hi illi min ġie nominat werriet universali tal-mejjet Joseph Baldacchino aċċetta l-wirt tiegħu. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fuq ċitata **Agnese Farrugia vs. Emanuel sive Noel Buttigieg et** fejn saret is-segwenti osservazzjoni rigwardanti l-aċċettazzjoni o meno tal-wirt mill-konvenuti:

> "Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Sammut vs Grazia Refalo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1954 (Vol. XXXVIII.ii.551), gie osservat li l-fatt li l-konvenuti kienu gew imharrkin u m'ghamlux protestata dwar tali fatt, jista' jimplika accettazzjoni tacita' tal-eredita'. Pero' l-Qorti pjuttost taqbel mal-fehma li addottat l-istess Qorti fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn osservat li *"Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita` "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" ("**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni flismijiet "**Clementina Farrugia et –vs- Maddalena Farrguia et**", Appell Civili, 30 ta' April 1962".* Ziedet tghid ukoll li *"...jinsab ukoll akkolt illi "nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredita`, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l' eredita`" ("**Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".*"

35. Fuq l-istess linja ta' ħsieb is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Giuseppi Sciortino et vs. Alfred Sciortino** (App Ċiv 1421/1992) mogħtija fit-3 t'Ottubru 2008:

> "It-tqassim tal-legati ma jikkomportax accettazzjoni tal-wirt. Infatti l-artikolu 862 (1) [*recte* : 862(2)] jghid illi r-rinunzja ta' wirt ma jipprivax lill-eredi milli jitlob legat imholli lilu. Multo magis fejn l-eredi ghadu ma accettax il-wirt pero` ma rrinunzjax ghalih anqas. Ma ngiebet ebda prova anqas illi xi wiehed mill-atturi ghandu fil-pussess tieghu xi parti mill-eredita kif jitlob l-artikolu 869 tal-Kodici Civili. Fil-kawza Mea et vs Borg deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952 il-Qorti qalet illi tirrikorri accettazzjoni ta' eredita meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-wirt u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmlu jekk mhux bhala werriet. Dan l-att irid ikun jimplika b'mod necessarju u inekwivokabbli l-volonta f'min jaghmlu li jaccetta l-eredita b'mod li l-att ma jkunx konciljabbli ma volonta diversa. Il-prova ta' dan l-att ghandha ssir minn min jallega l-accettazzjoni u fid-dubju ghandha tigi eskluza favur is-successibbli u kontra min jallegaha. L-istess intqal fil-kawza Farrugia et vs Farrugia deciza fit-30 ta' April 1962."

**L-immissjoni fil-pussess issir mill-eredi**

36. Kif rajna, Emanuel Baldacchino kien ħalla liż-żewġ uliedu, l-attriċi u ħuwha d-defunt Joseph Baldacchino, bħala werrietha universali tiegħu f'sehem indaqs. Fil-fatt Grace Baldacchino u uliedha fosthom l-attriċi kienu deheru fuq kuntratt *causa mortis* rigward l-immobbli mħolli minn Emanuel Baldacchino.[9]

37. Il-konvenuta Antonia Baldacchino xhedet permezz ta' affidavit.[10] Hija spjegat illi l-ġenituri ta' żewgha kienu akkwistaw l-immobbli mertu tal-kawża odjerna waqt iż-żwieġ tagħhom. Tgħid illi "jien u uliedi, qatt ma opponejna illi nghaddulha l-legat li hallietilha ommha specjalment fir-rigward tal-post innifsu 42, Pretty Bay, Birzebbugia, izda hija talbet ukoll affarijiet illi fil-fatt ma kellhomx x'jaqsmu iktar mal-legat li thallas lilha".

[9] Kopja ta' nota ta' insinwa numru 16760 tas-sena 1995 dwar il-*causa mortis* tad-defunt Emanuel Baldacchino eżebita a fol. 139

[10] Fol 132 et. seq. u fol. 223 et. seq. fejn l-attriċi ħallset €12,030 taxxa oltre €24,060 imgħax bi 8% għal 14-il sena ikkapjat għad-doppju.

38. B'rikors tal-5 ta' Lulju, 2017 il-konvenuti kienu talbu lill-attriċi illi jew teżebixxi kuntratt *causa mortis* dwar l-assi ereditarji tal-mejta Grazia Giuseppa Baldacchino jew inkella s-smiegħ jiġi sospiż ai termini tal-artikolu 63 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 367).[11]

39. B'nota tat-12 ta' Ottubru, 2017 l-attriċi eżebiet it-testmenti unica charta tal-mejta Emanuel u Grace konjuġi Baldacchini magħmula min-Nutar Dott. George Cassar fis-7 ta' Novembru, 1972 u fil-31 ta' Ottubru, 1977 rispettivament; kif ukoll kopja tal-att *causa mortis* dwar il-wirt ta' Grazia Giuseppa Baldacchino, magħmul mill-attriċi waħedha u ppubblikat min-Nutar Dott Victor John Bisazza fid-19 ta' Ġunju, 2017[12], att ippubblikat fil-mori tal-kawża u aktar minn erbatax-il sena wara l-mewt ta' Grazia Giuseppa Baldaccino. Fi kwalunkwe każ l-ostakolu legali għall-prosegwiment tas-smiegħ ġie sorvolat.[13]

40. L-immissjoni fil-pussess trid issir mill-eredi tant li l-**Artikolu 726 tal-Kapitolu 16** jesiġi espressament li l-legatarju għandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-legat u dan peress li l-legatarju ma jistax bl-awtorita` tiegħu nnifsu jippossessa ruħu minn dak li jkun tħalla lilu b`legat. Ingħad li "*Il-principju li l-legatarju ghandu jitlob il-pussess tal-legat minghand l-eredi jirriferixxi ghar-rapporti bejn l-eredi u l-legatarju biex dan ma jimpossessax ruhu mil-legat minghajr il-kunsens ta` l-eredi"*.[14] Iffisser għalhekk li qabel issir l-immissjoni fil-pussess, il-legatarju m'għandux id-disponibilità sħiħa tal-oġġett imħolli lilu b'legat.[15]

41. Għandu jingħad ukoll li meta hemm aktar minn eredi wieħed, l-immissjoni fil-pussess tal-legat trid issir minn kull wieħed mill-eredi, u dan fir-rigward tal-porzjonijiet li l-legatarju jkollu jirċievi minghand il-ko-eredi.[16]

---

[11] Irriżulta illi Grazia Giuseppa Baldacchino mietet fid-29 ta' Marzu, 2003 filwaqt li l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-26 ta' Marzu, 2014, anqas mill-għaxar snin kontemplati fl-artikolu 63 (4) tal-Kap. 364.
[12] Kopja tal-causa mortis tad-19 ta' Ġunju, 2017 eżebita a fol. 181 et. seq.
[13] Art. 63 (2) Kap. 364
[14] **Giuseppe Carabott et vs. Vincenzo Carabott et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-18 ta` Ġunju 1948 – Vol. XXXIII.i.303.
[15] Ara **Maurice Busuttil vs. Joseph Meli** deċiża mill-Qort tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 ta' Ottubru 1998.
[16] Ara **Ronaldo Wismayer vs. Mario Wismayer** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta` Marzu 1946 – Vol. XXXII.ii.264.

42. Il-konvenuti ġew imħarrka bħala l-werrieta tal-mejjet Joseph Baldacchino, ħu l-attriċi u dan għaliex il-konvenuta Antonia Baldacchino hija l-armla ta' Joseph Baldacchino filwaqt li l-konvenuti l-oħra huma uliedu.

43. Fl-atti hemm provi sodisfaċenti li juru li d-defunt Joseph Baldacchino kien ġie nominat minn ommu Grace Baldacchino bħala wieħed minn żewġ eredi universali. Il-werrieta universali l-oħra hi l-attriċi. Għalkemm kien ikun ferm aħjar kieku l-attriċi resqet ukoll provi dokumentarji dwar li l-konvenuti huma l-werrieta ta' Joseph Baldacchin; bil-fatt li l-konvenuta Antonia Baldacchino iddikjarat bil-ġurament tagħha fl-affidavit[17] illi sew hi kif ukoll il-konvenuti l-oħra qatt ma kellhom objezzjoni li jimmettu lill-attriċi fil-pussess tal-fond immobiljari mertu tal-kawża, il-Qorti qed tqis tali dikjarazzjoni ġuramentata bħala aċċettazzjoni da parti tal-kovenuti li huma l-werrieta tad-defunt Joseph Baldacchino, li aċċettaw dak il-wirt, kif ukoll li irrikonoxxew il-pre legat imħolli minn Grace Baldacchino lill-attriċi.

44. Fl-affidavit tagħha l-konvenut Antonia Baldacchino tispjega illi għalkemm hi u uliedha ma kellhom l-ebda objezzjoni li l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-fond mertu tal-kawża lilha mħolli bi pre-legat di cosa altrui, fl-istess ħin tgħid li dan ma setgħux jagħmluh qabel ma jkun hemm qbil mal-attriċi dwar il-valur tal-istess immobbli. Tgħid illi l-attriċi qatt ma resqet 'il quddiem sabiex jaqblu fuq il-valur tal-fond bl-iskop illi "nofs il-valur tiegħu ikun akkreditat lil wirt ta' Emanuel Baldacchino u allura lil werrieta tiegħu cioe' Maria u zewgi Joseph. L-attriċi ... kull ma talbet huwa illi ngħaddulha l-pussess ta' dan il-post izda ..... ma talbina (qatt) biex jippruvaw niftehmu fuq il-valur ta' dan il-post sabiex nofs il-valur jidhol fil-wirt ta' Emanuel Baldacchino.

**Kumpens**

45. Din il-linja difensjonali tal-konvenuta Antonia Baldacchino, twassalna għall-aspett ieħor tal-vertenza; u ċioe' jekk hux minnu kif jikkontendu l-konvenuti illi l-attriċi għandha tikkumpensa lill-werrieta ta' ħuha għas-sehem tal-missier li kien laħaq għadda fuqhom wara l-mewt ta' Joseph Baldacchino qabel il-mewt ta' Grace Baldacchino.

[17] Affidavit tal-konvenuta Antonia Baldacchino a fol. 132 et. seq.

46. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-10 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet **Emanuel sive Noel Bugeja et vs. Carmelo sive Lino Bugeja et**, fejn kien ritenut illi:

> "Wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid illi l-atturi ma ghamlu l-ebda dikjarazzjoni, kif jirrikjedi l-Art. 696(1) tal-Kap. 16, illi huma kienu lesti li jikkumpensaw lill-konvenut tal-legat ta' uzu u ta' abitazzjoni, u ta' sehemu (indaqs bhall-hames hutu l-ohra) mill-kwart indiviz tal-fond in kwistjoni li ddevolvew favur tieghu skond it-testment ta' Maria Concetta Bugeja tat-28 ta` Gunju 1986. Ghalkemm l-atturi accettaw il-wirt tal-genituri taghhom, qeghdin jirrifjutaw li jaghtu lill-konvenut dak li lilu jispetta mill-wirt tal-omm kontra dak li jipprevedi l-Art. 732 tal-Kap.16. Sabiex l-Art. 696(1) isib applikazzjoni fl-interezza tieghu, l-atturi kienu fl-obbligu, ladarba ghazlu li jakkwistaw ghalihom il-legat tal-fond in kwistjoni, li jaghtu valur gust lil dak li l-konvenut kien kiseb fir-rigward tal-istess fond mill-wirt tal-omm. Mhux biss dan ma jirrizultax illi sar izda l-atturi kjarament qeghdin jeskludu b`mod assolut illi ghandhom jaghmlu dan."

47. Fir-rikors ġuramentat promotur l-attriċi imkien ma ssemmi jew tirrikonoxxi l-obbligu li kellhom il-werrieta ta' Grazia Baldacchino, inkluż allura hi ukoll, li tagħti lill-konvenuti skond is-sehem tagħha bħala werrieta universali ta' ommha, dak l-ammont li jirrappreżenta l-kontribuzzjoni tagħha qua eredi universli ta' Grazia Baldacchino tas-sehem indiviż tal-fond li laħaq għadda fuq il-konvenuti qabel ma mietet Grazia Baldacchino. Eżami tat-testimonjanza tal-attriċi, sew fl-affidavit tagħha kif ukoll waqt il-kontro-eżami tagħha, tagħmilha ċara illi fl-ebda mument ma kkunsidrat illi sabiex il-pre legat tal-fond li ma kienx kollu ta' ommha jgħaddi għandha kellha toħroġ sehemha tal-valur tas-sehem indiviż tal-konvenuti li wirtu mingħand Joseph Baldacchino konsistenti fi 3/16.

48. Għandha raġun għalhekk il-konvenuta Antonia Baldacchino meta tixhed illi l-ostakolu sabiex l-attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-pre-legat ma kienx ġej min-naħa tagħha jew ta' uliedha iżda kien ġej mill-intransiġenza tal-istess attriċi f'dan ir-rigward.

49. Kien biss *in extremis,* preċiżament fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha li l-attriċi ammettiet għall-ewwel darba li kien hemm dan l-obbligu fuqha. Fit-tlettax (13) il-paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha taqbel illi

Joseph Baldacchino kien wiret ½ ta' 3/8 tal-assi ereditarji appartenenti lil Emanuel Baldacchino u ċioe' tlitt partijiet minn sittax (3/16) sehem indiviz. Tkompli tissottometti fl-erbatax (14) il-paragrafu illi "ladarba gie stabbilit sehem l-intimati, wiehed irid jistabbilixxi l-valur tal-immobbli sabiex jigi stabbilit il-kumpens skond is-sehem spettanti lill-intimati." Tkompli tissottometti illi l-valur tal-fond għal fini tal-likwidazzjoni tal-ammont spettanti lill-konvenuti għandu jkun dak fil-jum tal-mewt ta' Emanuel Baldacchino.

50. Fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex jiġi evitat illi l-litiġju bejn il-partijiet dwar dan il-pre-legat ma jitwalx aktar, riżultat ċar ta' pika aspra u intransiġenza bla qies, il-Qorti ser tqis it-talba tal-attriċi filwaqt li tipprovdi wkoll dwar dak spettanti fir-rigward lill-konvenuti nonostante li l-attriċi ma resqitx talba formali fir-rigward fir-rikors ġuramentat promotur.

51. Meta l-Qorti ġiet sabiex tinnomina perit tekniku sabiex tistabblixxi l-valur tal-fond de quo, skond verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2021 l-attriċi talbet li dan għandu jkun referibbli għad-data tal-mewt ta' Emanuel Baldacchino u cioe' t-18 ta' Frar 1994 filwaqt li l-konvenuti talbu li l-valur mogħti għandu jkun referibbli għaż-żmien tallum,

52. Il-Qorti ma tqisx li l-attriċi għandha raġun fir-rigward. Tenut kont illi l-attriċi, sew qabel intavolat il-kawża kif ukoll matul is-smiegħ ta' din il-kawża, kienet qed tirreżisti t-talbiet tal-konvenuti sabiex issir il-valutazzjoni tal-fond bl-iskop li l-attriċi tħallas lill-konvenuti il-valur tas-sehem li l-konvenuti wirtu mingħand missier Emanuel Baldacchino minħabba l-permorjenza ta' Joseph Baldacchino, l-attriċi ma tistax issa tippretendi li l-valur tas-sehem tal-konvenuti jiġi kalkolat fiż-żmien meta miet Emanuel Baldacchino. Fil-verita' d-data tal-mewt ta' Emanuel Baldacchino hija kompletament irrilevanti għall-finijiet tal-pre legat mertu tal-kawża odjerna. Pero' anke li kieku l-attriċi talbet li l-valur jiġi kkonsidrat fil-jum li mietet Grazia Giuseppa Baldacchino, ukoll ma kienx ikollha raġun. Għalkemm is-sentenza iċċitata mill-konvenuti in sostenn tat-talba tagħhom dwar il-punctum temporis, u cioe' **Paul Vella et vs Grace Everest et** mogħtija mill-Prim' Awla fit-28 ta' Ottubru, 2015 ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-27 ta' Jannar, 2017 safejn kien jirrigwarda l-*punctum temporis*, għal raġunijiet hemm mogħtija mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tqis illi kien l-oneru tal-attriċi illi

tressaq it-talba sabiex tiġi immessa fil-pussess tal-fond lilha mħolli bi *prelagat di cosa altrui* u mhux il-konvenuti. Kif rajna il-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim dwar l-immissjoni fil-pussess tal-fond de quo għaliex l-attriċi kienet qed tirrifjuta li tirrikonoxxi d-dritt tal-konvenuti li jiġu kkumpensati tas-sehem indiviz tagħhom fil-fond de quo li huma wirtu mingħand Joseph Baldacchino mill-wirt ta' Emanuel Baldacchino. Dan joħroġ ċar miż-żewġ ittri uffiċjali li l-attriċi ppreżentat kontra l-konvenuti fis-26 ta' Novembru 2008[18] u fil-21 ta' Jannar 2013[19] rispettivament. L-ebda referenza f'dawk l-ittri uffiċjali għad-dritt tal-konvenuti li jiġu kkumpensati. Anzi, fit-tieni ittra uffiċjali tathom anke id-data u l-ħin sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att ta' immissjoni fil-pussess mingħajr l-iċħen ħjiel għad-dritt tagħhom għall-kumpens.

53. Irriżulta wkoll illi sabiex l-attriċi resqet fuq l-att *causa mortis* dwar il-wirt imħolli minn ommha damet erbatax-il sena wara l-mewt ta' ommha. Għalkemm xhedet li hija kienet tat struzzjonijiet sabiex il-causa mortis issir, jirriżulta li fil-fatt din saret snin wara li istitwit il-kawża odjerna.

54. Ikun mill-aktar inġust li wara dawn in-nuqqasijiet da parti tal-attriċi u b'riżultat tagħhom, il-Qorti tippenalizza lill-konvenuti billi l-pagament lilhom spettanti jiġi kalkolat a bażi tal-valur tal-fond relatat mad-data tal-mewt ta' Grazia Giuseppa Baldacchino; jew agħar minn hekk kif talbet l-attriċi, id-data tal-mewt ta' Emanuel Baldacchino. Fil-fehma tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi il-valur tal-fond għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-konvenuti għandu jkun il-valur attwali, bħala d-data l-aktar viċina l-immissjoni fil-pussess mitluba mill-attriċi.

55. Skond ir-**relazzjoni tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi** ppreżentat fil-25 ta' Mejju, 2021[20] il-valur attwali tal-fond huwa ta' ħames mija u ħamsin elf ewro **(€550,000.00).** Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (para.17) l-attriċi filwaqt li tissottometti illi l-valur attwali ma hux rilevanti, fl-istess ħin taqbel illi l-konvenuti għandhom dritt għal dak l-ammont ekwivalenti għal tlieta minn sittax (3/16) tal-valur li l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni.[21]

---

[18] Kopja a fol. 9
[19] Kopja a fol. 6
[20] Fol. 315 et. seq.
[21] Para 17 fol. 378: €23,812.50 huwa ekwivalenti għal 3/16 ta' €127,000

56. Il-Qorti qed tillikwida l-ammont dovut mill-attriċi lill-konvenuti mal-immissjoni fil-pussess tal-fond de quo fis-somma ta' mija u tlett elef, mija u ħamsa u għoxrin ewro (€103,125.00).[22]

**Il-Mobbli**.

57. L-attriċi tikkontendi wkoll illi formanti parti mil-legat hemm numru ta' oġġetti mobbli imsemmija fit-testment ta' ommha li skond l-attriċi qegħdin fil-pussess tal-konvenuti. Fir-rigward tal-mobbli hemm kuntrast kbir bejn il-partijiet.

58. Skond it-testment ta' Grazia Giuseppa Baldacchino tal-4 ta' Diċembru, 1997 hija ħalliet lill-attriċi bi pre-legat mhux biss il-fond de quo iżda wkoll "bl-għamara ta' ġo fiha mill-ghatba l-gewwa kollox inkluz u xejn eskluz hlief ghal kotba tal-Bank u titoli ohra li jirraprezentaw flus, kif ukoll l-ghamara li kienet fid-dar tar-residenza tat-testatrici il-Belt Valletta li tinsab mahzuna f'garage proprjeta' ta' bintha Maria".

59. L-attriċi xhedet illi meta ommħa u missierha ma baqgħux jirrisjedu fil-fond li kellhom il-Belt Valletta u marru joqgħodu Birżebbugia huma talbu lill-attriċi sabiex xi għamara li kellhom il-Belt ipoġġuwha f'żewġ garaxxijiet li uliedha kellhom f'Tank Street, Birzebbugia (garaxxijiet li kienu wirtu mingħand missierhom Joseph Baldacchino). Tgħid illi meta din l-għamara tqiegħdet fl-imsemmija garaxxijiet kienet ingħatat ċavetta tal-istess garaxxijiet lill-omm l-attriċi kif ukoll lil Joseph Baldacchino.

60. Xhedet illi meta kienet għadha ħajja ommha hija skopriet illi minn garaxx minnhom Joseph Baldacchino kien ħa l-għamara kollha d-dar tiegħu u daħħal fil-garaxx dgħajsa tiegħu. Tgħid li kienet avżat lill-ommha dwar dan u li kienet irrabjat ma' Joseph Baldacchino. Xhedet illi għalkemm

[22] 550,000 ÷ 16 x 3

ħuwha kien wegħda li kif ilesti mix-xogħol li kien qed jagħmel fuq id-dgħajsa jerġa jpoġġi l-għamara lura f'posta, dan baqa' qatt ma sar. Xhedet li għamlet żmien ma tkellimx lil huwha. Tgħid li reġgħat daħlet fid-dar ta' ħuwha dakinhar li kien qed imut kif ukoll fil-jum tal-funeral u elenkat numru ta' oġġetti li osservat dakinhar li skond l-attriċi kienu mobbli li ommha kienet qegħdet fil-garaxx ta' ulied l-attriċi u li skond l-attiċi Joseph Baldacchino ħa mill-garaxx mingħajr il-kunsens ta' ommu.

61. Il-konvenuti jiċħdu il-verzjoni li tat l-attriċi dwar l-għamara. Jispjegaw illi uħud mill-oġġetti imsemmija mill-attriċi qatt ma rawhom fid-dar tagħhom filwaqt li dwar oħrajn taw spjegazzjoni li tali oġġetti kienu ingħataw lill-Joseph Baldacchino minn ommu u għalhekk jiċħdu li dawn l-oġġetti Joseph Baldacchino ħadhom mill-garaxx.

62. Il-Qorti tibda billi tosserva illi huwa kemxejn inverosimili illi wara li skond l-attriċi skopriet li Joseph Baldacchino kien immisapproprja l-oġġetti minnha imsemmija ommha ma kienet ħadet l-ebda passi fir-rigward. L-attriċi issemmi żewġ garaxxijiet li fihom tpoġġew l-għamara li kienu fil-penthouse tal-Belt. Fl-ebda mument ma l-attriċi tispjega x'għamara kien hemm fil-garaxx l-ieħor meta suppost li l-għamara tqiegħdet fiż-żewġ garaxxijiet. L-attriċi tispjega illi f'xi żmien wara li l-ġenituri telqu mill-Belt u marru joqgħodu fil-fond de quo, l-ewwel il-missier imbagħad l-omm spiċċaw minħabba l-eta' fi djar tal-anzjani. Jekk verament kif tgħid l-attriċi ommha wkoll spiċċat li marret tirrisjedi f'dar tal-anzjani, ma tagħti l-ebda spjegazzjoni għaliex l-għamara li suppost kienet fil-garaxx jew għand ħuwha ma ttieħditx f'dak il-mument fid-dar fejn kienu joqgħodu l-ġeniturit tagħha.

63. Il-konvenuta Antonia Baldacchino spjegat fl-affidavit tagħha illi Emanuel u Grazia Giuseppa Baldacchino kienu telqu mill-Belt u marru jgħixu fid-dar tal-villeġjatura tagħhom f'Birżebbugia għal ħabta ta' nofs

is-snin sebgħin. Tgħid li għal bidu l-għamara li kellhom il-Belt baqgħet il-Belt peress li d-dar ta' Birzebbugia "kienet diga mimlija bl-ghamar u armata sew". Xhedet illi peress li Emanuel u Grazia Baldacchino kellhom il-ħsieb li jbiegħu il-fond tal-Belt flimkien mal-kumpless Embassy, huma kienu bdew jiddonaw xi għamara li kellhom il-Belt fosthom lill-attriċi u lil Joseph Baldacchino uliedhom. Wara l-mewt ta' Emanuel Baldacchino u meta kien qed joqrob iż-żmien li l-Embassy bil-penthouse b'kollox jinbiegħ żewġha Joseph Baldacchin,o li kien juża wieħed mill-garaxxijiet sabiex iqiegħed iċ-ċimi tas-sajd, intalab mill-attriċi sabiex jiżgombra. Tgħid li minn dakinhar l-attriċ1i ma ħallitx lil żewġha juża aktar dak il-garaxx. Tgħid li wara li ġew trasportati l-għamara l-attriċi bidlet is-serratura tal-garaxx bil-konsegwenza li Joseph Azzoaprdi ma kellux aktar il-pussess ta' dak il-garaxx. Kompliet tixhed fir-rigward:

> "6. Illi l-affarijiet illi Maria tallega li ħuwa Joseph ħa u pogga go Villa Zimmermann jew mhuwiex minnu jew inkella kienu affarijiet illi Grace Baldacchino, ommu, kienet tatu bhal ma kienet tat lil Maria qabel ma iddecidew li jzarmaw il-post tal-Belt. Omm Joseph wara l-mewt ta' Emanuel, kienet tatih dawn l-affarijiet u ghamara peress illi zewgi kien kontinwament jiehu hsieb ommu u anke lil ohtu Kathleen li kienet handicapped."

64. Dwar il-lista tal-mobbli li telenka l-attriċi bħala dawk il-mobbli li kienu fil-garaxx u li skond l-attriċi Joseph Baldacchino ħadhom mingħajr permess ta' omma, l-konvenuta Antonia Baldacchino tagħti spjegazzjoni fir-rigward ta' kull wieħed minn dawk l-oġġetti[23] fosthom: dwar iż-żewġ pari važuni antiki dipinti b'mod elaborat il-konvenuta spjegat li dawn qatt ma daħlu fid-dar residenzjali tagħha. Tgħid li r-ritratti GBX1 u GBX2 ma ttieħdux fid-dar tagħha. Tgħid li kien hemm żewġ važuni oħra li mhux dawk indikati fir-ritratti li Grace Baldacchino kienet tul ħajjitha tat lil binha Joseph Baldacchino. Dwar il-mejda tonda u żewġ imwejjed

[23] Ara para 8 sa para 18 tal-affidavit ta' Antonia Baldacchino.

żgħar pariġġ u seba' siġġijiet tgħid li dawn kienet tathomlhom Grace Baldacchino meta kien għadu ħaj żewġha. Turi ritratt tagħhom (Dok AB1) fejn jidhru dawn is-siġġijiet liema ritratt itttieħed meta bintha Petra kellha madwar erbatax-il sena, iġifieri sitta u għoxrin sena ilu. Tisħaq li għalhekk dawn l-imwejjed u siġġijiet kienu diġa donati lil Joseph Baldacchino għal ħabta tas-sena 1990, ferm qabel iż-żmien li l-attriċi tallega li tpoġġew fil-garaxx; teżebixxi ritratt Dok AB2 fejn l-istess attriċi tidher madwar l-istess mejda; dwar is-siġġu 'high back' tispjega li dan kien ingħata lil żewġha Joe meta ż-żewġ ġenituri kienu għadhom ħajjin; dwar il-važun imsemmi f'paragrafu d) mill-attriċi tiċħad li dan qatt kien għandhom; dwr iż-żewġ carvings ta' lira tad-deheb xhedet li dawn kienu ingħataw lil żewġha meta kien għadu ħaj missieru u tiftakru jgħidlu sabiex jieħu ħsiebhom peress li kienu imprezzabbli u ma kienx isib bħalhom; dwar l-għasfur tgħid li dan kienet tatulhom omm żewġha; dwar iż-żewġ mirja xhedet illi dawn ingħataw lil żewġha minn ommu; dwar il-pjanu imsemmi mill-attriċi f'paragrafu h) xhedet illi dan kien ingħata lil żewġha mill-ġenituri tiegħu meta t-tifla tagħhom Petra kien għadha żgħira u kienet iddoqq il-pjanu. Tgħid li b'kontrokambju żewġha kien ta lil ta lill-ġenituri tiegħu vetrina antika li sussegwentement missieru poġġiha f'razzett li kellu; il-pjantu jidher f'ritratt AB2 fejn jidhru uliedha Petra u Luana li kienu għadhom żgħar ħafna u juri dan il-pjanu fid-dar tal-konvenuta u żewġha, spjegat illi meta ttieħed dak ir-ritratt il-pjantu kien ilu għandhom xi għaxar snin; dwar is-shelving units tispjega illi meta hi u żewġha waslu biex jiżżewġu missieru kien offrilhom li joqgħdu ġewwa Villa Zimmermannn u dawk l-ixkafef kienu diġa hemmhekk; dwar il-gradenza xhedet illi dawn qatt ma kienu fil-penthouse tal-Belt iżda kienet flimkien ma gradenza oħra f'maħżen ir-Raħal Ġdid. Tgħid li kienet preżenti meta l-attriċi u ħuwha Joe ftehmu li jieħdu waħda kull wieħed u li filwaqt li l-attriċi ħadet l-aħjar waħda żewġha ħa l-oħra u nefqu Lm300 sabiex ġiet restawrata. Dwar l-iskrivanija u l-gradenza taħt para k) xhedet illi l-iskrivanija kien xtraha

żewġha mingħand Join appena iżżewġu filwaqt li l-gradenza żewġha kien xtraha mingħand zitu Vanda għal prezz ta’ Lm10.

65. Rinfaċċjata b’verżjonijiet daqstant kontrastanti, il-Qorti wara li għarblet sew iż-żewġ verżjonijiet tasal għall-konklużżjoni illi l-attriċi ma rnexxiliex tipprova sal-livell meħtieġ l-allegazzjonijiet tagħha dwar il-mobbli. Ix-xhieda li tat il-konvenuta Antonia Baldacchino dwar kull oġġett pretiż mill-attriċi hija xhieda ċara u spjegativa illi tiskossa fil-fondament tagħha l-verżjoni li tat l-attriċi.

66. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo Vella vs. Stefania Schembri Coleiro et.** Mogħtija fit-13 ta’ Lulju, 2020:

> *“…..* kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, dan jghodd ukoll ghal dawk il-persuni l-ohra li jkunu b’xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x’kien li tassew gara u kif graw l-affarijiet.”

67. Ġie elaborat mill-Prim’ Awla fis-sentenza **Chef Choice vs Raymond Galea et.** konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Ottubru, 2017:

> “Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m’huwiex dak ta’ provi lil hinn mid-dubju raġonevoli . Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni . Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m’għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta’ prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista’ toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta’ xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju

> . Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha;"

68. Il-Qorti ssib illi meta riskontrata max-xhieda tal-konvenuta Antonia Baldacchino, ix-xhieda tal-attriċi tħalli ħafna dubji. Ma tat l-ebda spjegazzjoni għaliex il-konvenut ingħata ċavetta ta' wieħed mill-garaxxijiet li fih tqiegħdet l-għamara ta' ommha meta l-garaxxijiet huma proprjeta' ta' ulied l-attriċi u mhux proprjeta' ta' Joseph Baldacchino. Ma tati l-ebda spjegazzjoni kif ma sarx inventarju tal-għamara li kienet qed titqiegħed f'garaxx ta' uliedha u li allura diversi kienu l-persuni b'aċċess għal dan il-garaxx. Ix-xhieda tal-attriċi ma tantx jista' jingħad illi hija korroborata minn uliedha peress li mit-testimonjanza tagħhom jirriżulta li dak li jafu aktar jafuh għaliex qaltilhom ommhomm milli jafuh di xjenza proprja. L-attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni kif skond ħi ħuwha żarma l-għamara kollha minn wieħed mill-garaxxijiet sabiex ipoġġi fih dgħajsa u filwaqt li xhedet li kienet iġġieldet miegħu u damet żmien twil ma tkellmux prattikament sakemm miet, ma talbitux iċ-ċavetta tal-garaxx li kien proprjeta' ta' uliedha. Ma tantx hu verosimili illi l-attriċi tħalli ċavetta ta' ġaraxx f'idejn ħuwha wara li skond hi neħħa l-għamara kollha minn hemm u ħadha f'daru.

69. Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi aktar propensa li taċċetta l-verzjoni li tat il-konvenuta Antonia Baldacchino u tikkonkludi illi l-attriċi ma seħħiliex li tipprova li ħuwha ħa l-mobbli appartenenti lil ommu mill-garaxx ta' ulied l-attriċi.

70. Skond il-verzjoni tal-istess attriċi, fil-mument li mietet ommha Grazia Giuseppa Baldacchino, fil-garaxx de quo ma kienx hemm għamara. Għalhekk anke għal din ir-raġuni, bil-fatt li fil-mument tal-mewt ta' omm l-attriċi il-garaxx kien vojt mill-għamara (għalkemm bqajna ma nafux x'kien hemm fil-garaxx l-ieħor li suppost ma tmessx) ma jistax jitqies illi

għamara li ma kenitx fil-garaxx sa minn snin qabel ma mietet Grazia Giuseppa Baldacchino, tifforma parti mill-pre legat.

**Decide**.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,**

1. **Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn fuq deċiż;

2. **Tiċħad** *in parte* l-ewwel talba attriċi safejn referibbli għall-mobbli.

3. **Tilqa'** *in parte* l-ewwel talba attriċi safejn referibbli għall-immobbli, tiddikjara illi l-attriċi Maria Grima Baldacchino hija intitolata għall-pre-legat tal-fond tnejn u erbgħin (42), Pretty Bay, Birzebbugia b'entrata oħra numru mija u erbgħa u disgħin (194), Birzebbugia Road, Birzebbugia u li għandha tiġi immessha fil-pussess tal-istess mill-konvenuti salv dak li ser jiġi deċiż aktar 'l isfel.

4. **Tiċħad** *in parte* t-tieni talba attriċi safejn referibbli għall-mobbli.

5. **Tilqa'** *in parte* t-tieni talba attriċi safejn referibbli għall-immobbli, tordna lill-konvenuti u lill-attriċi sabiex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att ta' immissjoni fil-pussess tal-immobbli fuq deskritt a favur l-attriċi bil-kondizzjoni illi fuq l-istess att pubbliku l-attriċi tħallas lill-konvenuti *in solidum* bejniethom is-somma ta' mija u tlett elef, mija u ħamsa u għoxrin ewro (€103,125.00).

6. **Tinnomina** lin-Nutar Dott. Pierre Cassar sabiex jippubblika l-att relattiv a spejjeż tal-attriċi fi żmien tlitt xhur mill-jum li fih din is-

sentenza tgħaddi in ġudikat, f'lok, data u ħin li l-Qorti tiffissa wara li jsirilha rikors appositu  min-nutar hawn nominat.

7. **Tilqa'** l-ħames talba attriċi, tinnomina bħala kuratur deputat għall-eventwali kontumaċi lill-Avukat Dott. Mark Simiana bis-soliti fakoltajiet a spejjeż provviżorjament tal-attriċi bi dritt li tirkupra nofs tali spejjeż mingħand il-konvenuti.

Bl-ispejjeż fiċ-ċikostanzi jitħallsu in kwantu għal nofs mill-attriċi u in kwantu għal nofs mill-konvenuti.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
23 ta' Frar, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**